

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2017 – Genomic Health vs EUIPO (ONCOTYPE DX GENOMIC PROSTATE SCORE)**(Kawża T-354/17)**

(2017/C 249/55)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Genomic Health, Inc. (Redwood City, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: A. Reid, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni "ONCOTYPE DX GENOMIC PROSTATE SCORE" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 214 257

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14/02/2017 fil-Każ R 1682/2016-5

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tar-rikorrenti u kkawżati minn dan l-appell.

Motivi invokati

- Ksur tal-prinċipji ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament, amministrazzjoni tajba u ċertezza legali;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) flimkien mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Ġunju 2017 – Aldo Supermarkets vs EUIPO – Aldi Einkauf (ALDI)**(Kawża T-359/17)**

(2017/C 249/56)

*Lingwa tar-rikors: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Aldo Supermarkets (Varna, il-Bulgarija) (rappreżentant: C. Saettel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Aldi Einkauf GmbH & Co. OHG (Essen, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "ALDI" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Nru 12 749 586

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni